MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1005/2005

**Giovanna (ID: 0346228M) u Carmelo (ID: 713725M) konjuġi, Mercieca.**

**Vs**

**i) Joseph u Doris, konjuġi Magro u**
**ii) Mary u Carmel, konjuġi Chetcuti**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-5 ta' Mejju, 2005 fejn l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tas-somma ta' Lm 145 (mija u ħamsa u erbgħin lira Maltija), l-ammont minnhom pretiż in linea ta' arretrati ta' ċens dovut mill-konvenuti fuq art f'Ta' Imrabat, Triq Birkirkara, San Ġiljan.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta' l-ammont minnhom pretiż in linea ta' arretrati ta' ċens dovut mill-konvenuti fuq art f'Ta' Imrabat, Triq Birkirkara, San Ġiljan, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u dan stante li l-parti l-kbira ta' l-ammont mitlub huwa preskritt skond il-liġi u dan skond l-artikolu 2156(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi rigward iċ-ċens annwu u perpetwu fuq l-imsemmi art għall-aħħar ħames snin, il-konvenuti jammettu li huma ma ħallsux l-atturi ċ-ċens dovut għall-aħħar ħames snin biss.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawża odjerna tikkonċerna talba ta' ħlas għal ammont ta' ċens li jmorru lura għal perjodu ta' żmien. Il-konvenuti eċċepew il-proċeduri konċernanti ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kap. 16, pero' jammetti li għandhom jagħtu l-aħħar ħames snin. Di piu' kif ġia ingħad, dawn huma preskritti. Una volta li ġiet eċċepita l-preskrizzjoni allura sta għall-atturi illi jippruvaw li l-applikabilita' ta' din il-kawża speċifika u s-sospensjonijiet tagħha jew l-interruzzjonijiet tagħha f'dan il-kuntest huwa l-oneru tal-kritikant illi jressaq prova konvinċenti lit-Tribunal sabiex il-preskrizzjoni koperta mid-debitur ma tkunx tista' tiġi applikata. Una volta li ma kien hemm l-ebda ġudizzjar da parti tal-preskrizzjoni u sospensjoni ma kienx applikabbli l-esklussjoni tal-preskrizzjoni ma kienitx invokata jew rikonoxximent ta' xi pagament a debitu, allura l-atturi tellgħu għall-ġurament lill-istess debituri.

Illi, meta l-konvenuti xehdu ai termini ta' l-artikolu 2160 tal-Kap. 16, huma ċaħdu li huma debituri ta' l-atturin għall-perjodu anteċedenti għal ħames snin li jmur lura qabel il-preżentat ta' l-odjern avviż. Għalkemm l-atturi jallegaw illi, kien hemm indikazzjonijiet biżżejjed tali illi jindikaw il-konvenuti u d-debituri, pero' t-Tribunal jiddeċiedi tali illi l-eċċezzjoni sta allegata u pprovata. F'każ ta' kunflitt ta'

provi allura, l-konsegwenza għandha tkun mhux il-preskrizzjoni iżda li tiġi akkordata.

Illi, una volta li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun għadda, jrid jiġi ugwalment sodisfatt lit-Tribunal da parti ta’ l-attur, li kien hemm interruzzjoni, ħaġa li ma saritx mill-istess attur.

Jiddeċiedi billi, jilqa’ l-eċċezzjoni ta’ sospensjoni nvogata mill-konvenuti u jilqa’ in parti t-talba attriċi hekk kif l-ommissjoni ta’ l-istess konvenuti li huma debituri għal ħames snin ċens ammontanti għal sebgħa u tmenin lira Maltita u sebgħin ċenteżmu (Lm 87.70), bl-ispejjeż jibqgħu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------